# LEJN IL-150 SENA MILL-PROKLAMAZZJONI TA' SAN ĠUŻEPP BĦALA PATRUN TAL-KNISJA UNIVERSALI

Fr Charles Buttigieg

Għaddew iktar minn sitt mitt sena meta l-Kbir Kanċellier Jean Gerson ried li San Ġużepp ikun Patrun tal-Knisja fil-Konċilju ta' Kostanza. Dan Jean Charlier de Gerson twieled f'Barby f'Champagne fid-djoċesi ta' Rheims fi Franza fit-13 ta' Diċembru 1363 u miet nhar it-12 ta' Lulju fis-sena 1429 ġewwa Lyon fl-età ta' 65 sena. Huwa kien persuna ekkleżjali u skular għoli, u teologu magħruf, josefologu u kittieb kbir. Huwa studja bejn l-1377 u l-1394 fl-Università ta' Pariġi taħt Pierre d'Ailly fejn kiseb id-dottorat. Huwa laħaq kanċellier tal-Università ta' Pariġi fl-1395 u kanonku tal-Katidral Notre Dame ta' Pariġi. Fl-1403 laħaq Kurat ta' Saint Jean en Greve. Huwa ħadem biex tissolva l-kwistjoni tal-Papat kemm fil-Konċilju ta' Pisa fl-1409 u kemm fil-Konċilju ta' Kostanza fl-1414 fi żmien ta' żewġ anti-papiet u l-papa awtentiku. Fil-konċilju ta' Kostanza huwa kien il-kap tad-delegazzjoni Franċiża. Wara l-konċilju ta' Kostanza fl-1419 huwa mar jgħallem fi Vjenna, fejn ħalla influwenzi fuq l-universitajiet ta' Strasbourg, Heidelberg u Tubinga. Huwa dejjem wera fedeltà lejn il-Papa speċjalment meta l-Papa kien sfurzat jingħalaq ġewwa fortizza f'Avignon. Għallem dwar id-duttrina tal-Immakulata Kunċizzjoni u dwar il-kobor ta' San Ġużepp. Huwa magħruf bħala 'Doctor Christianissimus u Consolatorius'.



*Jean Charlier de Gerson*




Fost il-kitbiet spiritwali tiegħu nsibu: 'The Mountain of Contemplation', 'Mystical Theology' u 'The Perfection of the Heart'.

Ilkoll nafu li kien il-Beatu Papa Piju IX li ħass il-bżonn u għażel li qiegħed il-Knisja Kattolika taħt il-Patroċinju speċjali ta' San Ġużepp. Huwa għamel il-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp 'al prima klassi' ċċelebrata fit-tielet Ħadd tal-Għid, fl-10 ta' Settembru 1847. Kien f'mument diffiċli għall-Knisja, theddid minn barra l-Knisja permezz tal-Liberaliżmu u minn ġewwa l-Knisja fl-isfond tal-Moderniżmu, li l-Knisja ta' Kristu b'leħen il-kbir tal-Beatu Papa Piju IX, fit-8 ta' Diċembru fl-1870 ħatret lil San Ġużepp bħala Patrun Universali tal-Knisja.

Filwaqt li qegħdin inħejju fis-sena 2020 għall-150 sena mill-Proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun Universali tal-Knisja fl-1870, nitolbu sabiex il-Knisja mmexxija dejjem mill-Ispirtu s-Santu taħt il-Papa Franġisku bil-qalb ta' San Ġużepp, tkompli



dejjem iddawwalna u tkabbar it-tagħlim tagħha dwar il-Qaddis Patrijarka San Ġużepp, kif jixtiequ tant devoti ta' San Ġużepp mad-dinja kollha. Bħala suġġeriment tkun ħaġa sabiħa kieku tiġi organizzata 'Sena ddedikata lil San Ġużepp', 'Sena Ġużeppina', bħalma għamlet diġà din is-sena d-djoċesi ta' Birmingham f'Alabama fl-Istati Uniti fejn fis-sena ta' qabel kienet iċċelebrat is-Sena Marjana. F'din is-Sena Ġużeppina għandhom isiru ċelebrazzjonijiet ta' importanza marbuta mal-Festa tiegħu liturġika tad-19 ta' Marzu u dik tal-1 ta' Mejju u okkażjonijiet oħra. Minn barra dan ispirati mill-Patroċinju ta' San Ġużepp li huwa tassew Patrun tal-Knisja Kattolika, għandna nagħmlu pass għaqli fil-fidi tagħna biex issir iktar waħda ta' konvinzjoni u mhux biss tat-tradizzjoni billi niskopri mill-ġdid kontra x-xejra tad-dinja moderna, il-valuri tal-għaqda, tal-paċi, tal-familja, tal-paternità u tal-maternità, tal-edukazzjoni nisranija għaliex il-Knisja hija tassew waħda; niskopru l-valuri tal-qdusija, tal-umiltà, tas-silenzju, tas-sinċerità, tat-talb, tax-xogħol, tas-sejħa nisranija u għall-ħajja kkonsagrata għaliex il-Knisja hija tassew qaddisa; li nkunu messaġġiera u strumenti tal-aħbar it-tajba, tal-Evanġelju u tal-verità għaliex il-Knisja hija tassew kattolika; u li ngħixu l-Kelma ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja għaliex il-Knisja hija tassew appostolika, kif nistqarru fil-Kredu tal-fidi tagħna.

## Talba lil San Ġużepp

O San Ġużepp, bik u permezz tiegħek, aħna nbierku lill-Mulej. Huwa għażlek minn fost l-irġiel kollha biex tkun ir-raġel kast ta' Marija, dak li qagħad fuq l-għatba tal-misteru tal-maternità tagħha, u li warajha laqa' din il-maternità bil-fidi bħala opra tal-Ispirtu s-Santu.

Inti tajt lil Ġesù l-paternità legali mill-familja ta' David. Inti li ħarist bla heda u bl-akbar għożża kemm lill-Omm kif ukoll lill-Iben biex ħajjithom kienet dejjem fiż-żgur u biex il-missjoni tagħhom setgħet titwettaq bla xkiel.

Ġesù Salvatur ried jissottometti lilu nnifsu lejk bħalma jagħmel kull tifel tul it-tfulija u l-adolexxenza tiegħu, u rċieva mingħandek it-tagħlim tal-ħajja umana, filwaqt li inti qsamt miegħu l-ħajja tiegħu fl-adorazzjoni tal-misteru tiegħu.

Inti issa qiegħed biswitu, u għaldaqstant nitolbuk biex tkompli tipproteġi l-Knisja kollha, il-familja li twieldet mis-salvazzjoni li ġabilna Ġesù. Aħseb fil-bżonnijiet spiritwali u materjali ta' dawk kollha li jirrikorru għall-interċessjoni tiegħek.

Ftakar fil-familji u b'mod partikolari fil-fqar: bis-saħħa tiegħek huma żgur li jsibu ruħhom taħt il-ħarsa ta' Marija u f'idejn Ġesù li jidħol għalihom. Ammen.